Il-Klassi 6.1 Djamanti ħadet sehem ukoll fl-Attività marbuta mal-Jum Dinji tat-tfal. Bħala Introduzzjoni, it-tfal bdew jaħsbu f'ideat u f'punti li jagħmlu lilhom bħala tfal speċjali minn oħrajn. Fost il-punti li ġew diskussi kienu li għandhom saqaf taħt rashom, isibu l-ikel lest, għandhom ħwejjeġ x'jilbsu, għandhom min jieħu ħsiebhom u li qegħdin jattendu l-iskola sabiex jedukaw ruħhom. Kien hemm numru ta' tfal li sostnew li ħafna tfal madwar id-dinja qegħdin ibatu, forsi minħabba l-mard u l-gwerer, u li m'għandhomx l-istess kumditajiet li għandhom huma. Fl-aħħar, smajna u kantajn flimkien id-diska 'We Are the World'. Il-Messaġġ ta' din id-diska huwa favur l-Umanità u li kull tifel u tifla huma l-istess, u li kulħadd għandu jkollu l-istess drittijiet. It-tfal kollha fehmu li huma għandhom jirrispettaw lil xulxin.




We all are a part of God's great big family
Reading Area


English
Religious Education
Is- Singular
EUROSPORT